## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Imħallef**

**Onor. Christian Falzon Scerri**

**Illum nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 468/2016**

***Angele Calleja***

***vs.***

***Benjamin Rizzo in kwantu likwidatur tas-soċjetà Malta Rendezvous Limited u b'digriet tat-13 ta' Frar, 2017 Alex Agius iddaħħal fil-kawża bħala likwidatur ta' Malta Rendezvous Limited flok Benjamin Rizzo, Mariana Dzhangirova u Mikhail Dzhangirov u Dr Benjamin Valenzia u PL Hilda Ellul Mercier nominati Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Murat Cem Ozdemir b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2016, u b'digriet tat-22 ta' Settembru, 2017, Dr Adrian Camilleri assuma l-atti bħala mandatarju speċjali ta' Murat Cem Ozdemir minflok Dr Benjamin Valenzia li ġie estromess.***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet dwar talba tal-konvenuti Marianna Dzhangirova, Mikhail Dzhangirov u Malta Rendezvous Limited sabiex huma jitħallew iżidu eċċezzjoni oħra fir-risposta maħlufa tagħhom;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>27 ta' April, 2022</u>**, il-konvenuti Dzhangirova *et* talbu biex huma jitħallew iżidu l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti li tidħol fi kwistjonijiet marbuta ma' danni mnissla minn ksur ta' kuntratt ta' kera;

3. L-attriċi wieġbet fid-**<u>19 ta' Mejju, 2022</u>** u qalet li din it-talba għandha tiġi miċħuda peress li din l-eċċezzjoni bħala waħda ta' sura dilatorja kellha titressaq mill-ewwel fir-risposta maħlufa;

4. Il-konvenut Cem Ozdemir kif rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu, l-avukat Adrian Camilleri, wieġeb fl-**<u>24 ta' Mejju, 2022</u>** u tenna li huwa qiegħed iħalli f'idejn il-qorti dwar kif għandha tiddeċiedi dan ir-rikors;

***Fatti***

5. Fit-13 ta' Ġunju, 2016, l-attriċi ressqet rikors maħluf (ara paġni 1 sa 3 tal-atti tal-kawża), li permezz tiegħu hija talbet biex il-konvenuti Marianna Dzhangirova, Mikhail Dzhangirov u Malta Rendezvous Limited jiġu kkundannati jħallsuha għad-danni li ġarrbet minħabba li skontha seħħ ksur tal-kundizzjoniijiet ta' kirja. Barra minn hekk, l-attriċi talbet ukoll li jiġi mħassar kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-2016 li dawn il-konvenuti għamlu mal-konvenut Murat Cem Ozdemir minħabba li skont l-attriċi dan il-kuntratt sar biss b'ħażen u b'qerq biex l-attriċi ma jkollhiex fuq xiex iddur biex tħares l-allegat kreditu tagħha;

6. Il-konvenuti Marianna Dzhangirova u Mikhail Dzhangirov ressqu risposta maħlufa fid-29 ta' Novembru, 2021 u l-konvenuta Malta Rendezvous Limited wieġbet fit-3 ta' Marzu, 2017 u fihom huma taw l-istess raġunijiet għaliex ir-rikors maħluf għandu jiġi miċħud (ara paġni 94 sa 95 u paġni 104 u 105 tal-atti tal-kawża);

7. Fis-27 ta' April, 2022 il-konvenuti Marianna Dzhangirova, Mikhail Dzhangirov u Malta Rendezvous Limited ressqu dan ir-rikors biex jitħallew iżidu eċċezzjoni oħra dwar l-inkompetenza tal-qorti (ara paġni 426 u 427 tal-atti), li qiegħed jiġi deċiż illum f'dan id-digriet;

***Konsiderazzjonijiet***

8. Il-liġi tgħid fl-**artikolu 728(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li meta l-kawża tkun inbdiet permezz ta' rikors maħluf, allura bħala regola ġenerali l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Skont l-**artikolu 158(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din ir-risposta maħlufa trid tiġi preżentata fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf;

9. L-**artikolu 158(11) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mbagħad jgħid li din ir-risposta maħlufa tista', wara li jinġiebu l-provi tal-attur u qabel mal-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża;

10. Fil-każ tagħna, l-attriċi għalqet il-provi tagħha fl-4 ta' Ottubru, 2021 (ara paġna 349 tal-atti tal-kawża). Minn wara dik id-data, il-konvenuti ma ressqu l-ebda nota skont l-**artikolu 158(11) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iżidu l-eċċezzjonijiet tagħhom qabel ma jibdew il-provi tagħhom. Mod ieħor huma bdew bil-provi tagħhom billi ppreżentaw affidavits u ħarrku xi xhieda biex jixhdu. Jiġi b'hekk, li l-konvenuti tilfu l-jedd li jżidu eċċezzjonijiet oħra skont l-**artikolu 158(11) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

11. Li rridu naraw issa huwa jekk l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-qorti minħabba x-xorta tal-kawża hijiex waħda li nqalgħet waqt li kienet miexja l-kawża;

12. F'dan ir-rigward l-**artikolu 728(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk il-qorti tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fir-risposta oriġinali;

13. Madankollu din ir-regola ġenerali li eċċezzjonijiet addizzjonali għandhom jitħallew jitressqu biss jekk ikun hemm il-barka tal-qorti, ma tgħoddx f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, *viz*. (i) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titressaq f'kull waqt tal-proċeduri skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara **artikolu 731 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**); u (ii) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda ta' sura perentorja (ara **artikolu 732 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett wieħed jista' jara s-sentenzi ***Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003, ***Bank of Valletta plc v. Sand & Gravel Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016 u ***Paul Fiorentino et v. David Jones noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018);

14. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Kevin Azzopardi v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2014, jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun ta' sura perentorja jew l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, allura l-qorti ma tistax tinqeda bid-diskrezzjoni li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux tressqu qabel iżda hija marbuta li tħallihom jitressqu fil-kawża. Tassew l-uniku stħarriġ li trid tagħmel il-qorti f'qagħda bħal din, huwa li tikkonferma jekk l-eċċezzjoni addizzjonali li trid titressaq mill-konvenut hijiex tabilħaqq ta' sura perentorja jew inkella din hijiex eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, l-eċċezzjoni addizzjonali tal-inkompetenza *ratione materiae* li l-konvenuti Marianna Dzhangirova *et* jridu jżidu mal-eċċezzjonijiet tagħhom hija eċċezzjoni li skont ġurisprudenza stabbilita ġiet meqjusa bħala waħda li trid titqajjem fil-bidunett tal-kawża għaliex inkella titqies bħala rinunzjata (ara *inter alia* ***Saviour Brincat et v. Salina Estates Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2004, ***Mario Azzopardi v. Chairman, Enemalta Corporation*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju, 2006, ***Montaldo Insurance Agency Limited nomine v. Emanuel Micallef et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2007, ***Il-Prim Ministru et v. Anthony Brincat*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2009 u ***Concetta Mallia v. Ronald sive Ronnie Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010);

16. Huwa minnu li skont l-**artikolu 774(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din il-qorti għandha s-setgħa li tqajjem din l-eċċezzjoni minn jeddha, imma b'daqshekk dan ma jagħmilx l-istess eċċezzjoni bħala waħda perentorja. Fuq kollox din il-qorti mhijiex qiegħda tagħżel li tqajjem din l-eċċezzjoni *ex officio* għar-raġuni ovvja li mhuwiex sew li din il-qorti tqajjem eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha sitt snin wara li nfetħet din il-kawża;

17. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li fil-premessi u fl-ewwel talba tar-rikors maħluf hemm imniżżel ċar u tond li l-attriċi qiegħda tilmenta minn allegati danni mnissla minn kitba ta' kirja. Jiġi b'hekk, li l-konvenuti Marianna Dzhangirova *et* ma jistgħux jgħidu serjament li l-ħtieġa tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae* nqalgħet waqt li kienet miexja l-kawża, b'dana li jekk huma riedu jqajmu din l-eċċezzjoni huma messhom qajmuha mill-ewwel fir-risposta maħlufa tagħhom;

***Deċiżjoni***

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda tiċħad ir-rikors tas-27 ta' April, 2022 għaż-żieda tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-qorti minħabba x-xorta u n-natura tal-kawża;**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**